MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 1097/2014

Antoniette Greta **GRIMA**

vs

**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U IMPIEGI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-2 ta’ Diċembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-Ministru mħarrek, kemm bħala l-persuna responsabbli mill-*Malta Government Scholarships Scheme Board* u kif ukoll direttament, naqas li jħares l-interessi tagħha kif messu għamel; (b) tordna lill-imħarrek biex jordna lill-imsemmi Bord jibdel il-marki allokati lilha ħalli tkun eliġibbli li tieħu l-borża ta’ studju li għaliha applikat; (ċ) tordna lill-imħarrek biex jara li l-istess borża ta’ studju tkun disponibbli lilha minnufih ħalli tkun tista’ tgawdi mill-opportunita’ li għandha; u (d) fin-nuqqas, tagħti kull rimedju ieħor li jidher xieraq;

Rat ir-Rikors imressaq mill-attriċi flimkien mar-Rikors Maħluf li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti tisma’ u taqta’ din il-kawża b’urġenza;

Rat illi l-imsemmija atti tressqu quddiemha fl-10 ta’ Diċembru, 2014;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Diċembru, 2014[1], li bih ordnat in-Notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha u qiegħdet il-kawża għas-smigħ għat-13 ta’ Jannar, 2015;

Rat ir-Rikors imressaq mill-attriċi fil-15 ta’ Diċembru, 2014, li bih talbet li s-smigħ tal-kawża jinġieb ’il quddiem;

[1] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha waqt is-smigħ tat-22 ta' Diċembru, 2014, li bih laqgħet it-talba tal-attriċi biex tisma' u taqta' l-kawża b'urġenza u ġabet is-smigħ tal-kawża 'l quddiem għal dak inhar[2];

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-22 ta' Diċembru, 2014, li biha l-Ministru mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li f'kawżi kontra l-Gvern, ma kienx hu li messu tħarrek iżda l-kap tad-dipartiment, li f'dan il-każ huwa d-Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, u dan għall-finijiet tal-artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-għoti ta' boroż ta' studju jew jekk jingħatawx jew le ma jikkostitwix egħmil amministrattiv għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-istess Kodiċi; u li, ukoll kieku kellu jitqies li l-għoti jew iż-żamma tal-għoti ta' borża ta' studju kienet tista' titqies bħala egħmil amministrattiv, hu ma kellu l-ebda sehem fid-deċiżjoni li setgħet ittieħdet li t-talba tal-attriċi għall-għoti lilha ta' borża ta' studju ma tintlaqax u lanqas għandu s-setgħa fil-liġi li jibdel id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell; u li, f'kull każ, din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa jew ġurisdizzjoni li tissindika d-deċiżjoni mertu ta' din il-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi ma hemmx posthom. U żied jgħid li t-talbiet tal-attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ma kinux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Diċembru, 2014, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-partijiet u tiġbor il-provi li dehrilhom li kellhom iressqu;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fid-29 ta' Diċembru, 2014[3];

[2] Paġ. 50 tal-proċess
[3] Paġġ. 158 – 167 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Ministru mħarrek fid-29 ta' Diċembru, 2014[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Diċembru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tgħid li l-Ministru mħarrek naqas li jħares l-interessi tagħha meta għażel li ma jaqlibx deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Għażla taħt l-iSkema tal-*Malta Government Scholarships Post-Graduate Scheme* dwar l-għadd ta' marki li l-istess Bord kien taha wara talba tagħha biex tingħata borża ta' studju taħt l-imsemmija skema. Hija tgħid li l-marki mogħtija kienu jiksru fid-dieher il-kriterji mfassla u ma ħadux b'kunsiderazzjoni xierqa diversi aspetti tal-kwalifiki tagħha u wkoll għaliex tqis li min għamlilha l-intervista deher li kien diġa' għamel f'moħħu minn qabel ("predispost") li ma jagħtihiex il-marki mistħoqqa u ma kienx midħla tas-suġġetti li dwarhom talbet li tingħata l-borża ta' studju. Hija tixli lill-Ministru mħarrek b'egħmil *ultra vires* minħabba li (i) l-awtorita' pubblika naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; (ii) l-egħmil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; u (iii) l-egħmil imur mod ieħor kontra l-

[4] Paġġ. 167 – 181 tal-proċess

liġi. Hija titlob li l-Ministru jkun kundannat jirrimedja dan in-nuqqas tiegħu billi jordna l-bdil tal-marki li ngħatawlha u billi jiżgura li hija tingħata l-borża ta' studju li kienet applikat għaliha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li f'kawżi kontra l-Gvern, ma kienx hu li messu tħarrek iżda l-kap tad-dipartiment, li f'dan il-każ huwa d-Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, u dan għall-finijiet tal-artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-għoti ta' boroż ta' studju jew jekk jingħatawx jew le ma jikkostitwix egħmil amministrattiv għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-istess Kodiċi; u li, ukoll kieku kellu jitqies li l-għoti jew iż-żamma tal-għoti ta' borża ta' studju kienet tista' titqies bħala egħmil amministrattiv, hu ma kellu l-ebda sehem fid-deċiżjoni li setgħet ittieħdet li t-talba tal-attriċi għall-għoti lilha ta' borża ta' studju ma tintlaqax u lanqas għandu s-setgħa fil-liġi li jibdel id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell; u li, f'kull każ, din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa jew ġurisdizzjoni li tissindika d-deċiżjoni mertu ta' din il-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, t-tieni u t-tielet talbiet attriċi ma hemmx posthom. U żied jgħid li t-talbiet tal-attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ma kinux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attriċi iggradwat mill-Universita' ta' Malta fil-Grad ta' Baċellerat tal-Arti (*Honours*), bi speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-ġjografija, f'Diċembru tal-2010 wara kors ta' tliet (3) snin *full-time* li beda f'Ottubru tal-2007. F'dak il-kors hija ġabet il-klassifika ta' l-Ewwel Klassi bl-Unuri[5]. Wara li temmet dak il-kors, hija rreġistrat f'kors ta' studju għal Grad ta' *Master* fil-University College ta' Londra (aktar 'il quddiem imsejjaħ "UCL"), mnejn temmet l-istudji billi kisbet il-Grad ta' *Master of Science* b'distinzjoni[6];

---

[5] Dok "AGG1c" f'paġġ. 10 – 3 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġ. 20 tal-proċess

Illi, bħalma sar fi snin oħra, fl-2014 il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol nieda Skema msejħa *Malta Government Scholarships Post-Graduate Scheme*[7] (aktar 'il quddiem imsejħa "l-iSkema") fis-sura ta' Regolamenti mfassla bil-ħsieb li, permezz ta' għoti ta' boroż ta' studju, tagħti iżjed opportunitajiet lil studenti gradwati biex jispeċjalizzaw f'livelli ogħla ta' edukazzjoni f'livelli ta' Masters (MQF7) u Dottorali (MQF8). L-imsemmija Skema stabiliet ukoll il-kriterji u ż-żminijiet[8] li fih dawk imħajra li jressqu t-talba tagħhom kellhom jagħmlu dan u kif ukoll l-istrutturi li kellhom jgħarblu t-talbiet u jagħmlu l-għażla[9], fosthom it-twaqqif ta' Bord ta' Appelli[10] b'setgħat limitati li "*only addresses appeals from MGSS Board's decisions on matters related to procedure or interpretation of the regulations in terms of eligibility, awards, and other decisions related to the granting of a Scholarship. Under no circumstances shall the Appeals Board change the score of applicants deriving from interviews by the MGSS Board, nor change the ranking of an Applicant as a result of such score*", għalkemm id-deċiżjoni tiegħu hija waħda finali. Ir-Regolamenti tal-iSkema jgħidu wkoll liema huma l-oqsma ta' studju li jitqiesu bħala l-aktar siewja li jingħataw prijorita' f'każ ta' talbiet ta' għoti ta' boroż ta' studju. Min kien imħajjar iressaq talba għall-għoti ta' borża ta' studju kellu jagħmel dan sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju, 2014[11];

Illi minbarra l-kriterji li dwarhom il-Bord tal-Għażla kellu jkejjel is-saħħa ta' applikazzjoni għall-għoti ta' borża ta' studju[12], il-Ministeru fassal ukoll linji-gwida li l-membri tal-Bord tal-Għażla setgħu jimxu fuqhom meta jintervistaw lill-applikanti[13] u kien magħmul minn ħdax-il (11) persuna, meqjusa bħala esperti f'oqsma akkademiċi differenti[14]. Il-Professur Emmanuel Sinagra kien magħżul bħala ċ-*Chairperson* tal-Bord. Skond ir-regolamenti tal-iSkema, kemm il-Bord tal-Għażla u kif ukoll il-Bord tal-Appelli jintgħażlu direttament mill-Ministru mħarrek[15];

---

[7] Dok "AA", f'paġġ. 32 sa 48 tal-proċess
[8] Klawsola 4 tal-iSkema
[9] Klawsola 10 tal-iSkema
[10] Klawsola 10.5 – 10.8 tal-iSkema
[11] Klawsola 9.2 tal-iSkema
[12] Klawsola 11.1 tal-iSkema
[13] Dok "JS", f'paġġ. 96 – 8 tal-proċess
[14] Dok "BB", f'paġ. 49 tal-proċess
[15] Klawsoli 3.3 u 3.21 tal-iSkema

Illi fit-30 ta' Mejju, 2014, l-attriċi ressqet talba taħt l-iSkema biex tingħata borża ta' studju ħalli tkun tista' ssegwi kors li jwassal għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy – Ph.D.* fil-UCL;

Illi fis-26 ta' Settembru, 2014, il-Bord tal-Għażla ħabbar il-lista ta' applikanti li kienu ngħataw il-boroż ta' studju. Mill-mija u wieħed u sittin (161) persuna li ressqu talba għal borża ta' studju *post-graduate* fuq livell ta' dottorat (48 minnhom ma kinux eliġibbli skond il-kriterji tal-iSkema), flimkien mal-attriċi, intgħażlu l-ewwel disgħa u tletin (39) minħabba li l-fondi disponibbli taħt l-iSkema kienu jwasslu sa dak l-għadd. L-attriċi ma kenitx fosthom għaliex spiċċat fit-tnejn u ħamsin (52) post bil-marki li ngħatat mill-Bord;

Illi fit-30 ta' Settembru, 2014[16], l-attriċi talbet li tingħata tagħrif kif kienu tqassmu l-marki allokati mill-Bord tal-Għażla u dan it-tagħrif ingħatalha;

Illi fit-2 ta' Ottubru, 2014[17], l-attriċi ressqet appell mid-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli mwaqqaf taħt l-iSkema u li fih fissret x'kienu r-raġunijiet li għalihom hija kienet ressqitu;

Illi fit-30 ta' Ottubru, 2014, l-attriċi irċeviet offerta mill-UCL biex tirreġistra għall-kors li jwassal għall-Grad ta' M.Phil./Ph.D. *Earth Sciences*, liema offerta reġgħet ittenniet b'oħra fil-5 ta' Novembru, 2014[18], għal kors ta' erba' (4) snin li jibda fit-12 ta' Jannar, 2015;

Illi b'ittra elettronika bid-data tas-26 ta' Novembru, 2014[19], l-attriċi kienet mgħarrfa li l-Bord tal-Appelli ma setax jibdel u la l-gradwatorja u lanqas il-marki mogħtija u għalhekk ma setax iqis l-appell tagħha;

---

[16] Dok "AGG1a" f'paġ. 7 tal-proċess
[17] Dok "EB", f'paġġ. 90 – 2 tal-proċess
[18] Dok "A", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[19] Dok "EB", f'paġġ. 92 – 3 tal-proċess

Illi fid-29 ta’ Novembru, 2014[20], wara komunikazzjonijiet magħmulin lilu (u lill-Prim Ministru) b’meżżi elettroniċi, il-Ministru mħarrek għarraf lil missier l-attriċi li ma kienx fi ħsiebu jmur kontra dak li l-Bord tal-Għażla kien iddeċieda;

Illi fit-2 ta’ Diċembru, 2014, l-attriċi fetħet din il-kawża;

Illi kif inhu xieraq, din il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjoni legali tal-każ billi l-ewwel tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek minħabba li, min-natura tagħhom, jolqtu l-mixi ’l quddiem tal-kawża jekk kemm-il darba xi waħda minnhom tintlaqa’. Il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li din tallum hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju u li l-attriċi għażlet li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-Ministru. Hija ma għażlitx li tħarrek il-Bord tal-Għażla ukoll aktarx għaliex mhix ċara l-personalita’ ġuridika tiegħu. F’kull każ, is-soluzzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tiddependi fuq din in-natura tal-azzjoni mressqa u fuq l-għażliet li għamlet l-attriċi li tipproċedi b’kawża f’dawn it-termini u b’dan il-mod;

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tqis **l-ewwel eċċezzjoni dwar jekk il-Ministru mħarrek huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi**. L-imħarrek jgħid li din il-kawża messha nfetħet kontra d-Direttur (Implimentazzjoni ta’ Programmi) fi ħdan il-Ministeru tiegħu, u mhux kontrih personalment. Isejjes din l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-Qorti ma ssibx li din l-eċċezzjoni hija tajba. Huwa ċar li l-azzjoni attriċi tixli lill-Ministru mħarrek b’deċiżjoni partikolari – dik li naqas li jħares l-interessi tagħha – u dan fuq egħmil personali tiegħu fil-kwalita’ tiegħu ta’ Ministru billi ma riedx imur kontra dak li ddeċieda l-Bord. U t-talbiet tagħha maħsuba li jitolbu l-għoti ta’rimedju mingħandu sewwasew minħabba dik id-deċiżjoni. Fil-qafas tan-natura partikolari tal-azzjoni ta’

[20] Dok “AGG2”, f’paġ. 15 tal-proċess

stħarriġ ġudizzjarju mibdija mill-attriċi, il-Qorti ma tistax tmur lil hinn minn dik ix-xilja, u l-istħarriġ li trid tagħmel huwa fuq is-siwi ta' dik l-għażla tal-imħarrek. Din il-ħaġa tenniha l-għaref difensur tal-attriċi waqt is-smigħ tal-kawża[21]. Irid jingħad li, wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-gradwatorja maħruġa mill-Bord tal-Għażla, il-Ministru mħarrek daħal f'korrispondenza ma' missier l-attriċi u dan wara li l-proċess tal-għażla kien mitmum. Id-deċiżjoni li huwa ma jwaqqax l-eżerċizzju mwettaq mill-Bord kienet waħda li huwa ħa fid-dawl tal-imsemmija korrispondenza u ma kenitx waħda "proċedurali" għaliex, minn dak l-aspett, f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda proċedura oħra li l-attriċi setgħet tieħu;

Illi l-Qorti ssib li lanqas jista' jingħad li d-Direttur seta' jew messu kien imħarrek ukoll għaliex, fl-istadju li ttieħdet id-deċiżjoni, kien biss il-Ministru mħarrek li ħadha u dan 'il fuq minn kull funzjonarju jew amministratur ieħor fi ħdan il-Ministeru tiegħu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tirrigwarda l-kwestjoni **jekk id-deċiżjoni tal-Ministru mħarrek tikkostitwix "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-imħarrek jgħid li l-iSkema tal-għoti ta' boroż ta' studju ma taqax taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" għaliex dawn jingħataw *ex gratia* u ma hijiex mandatorja;

Illi għall-finijiet tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-liġi tfisser "egħmil amministrattiv" bħala "*il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita': Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika tenħtieġ tagħti*

[21] Ara paġ. 117 tal-proċess

*deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira*"[22]. B'"awtorita' pubblika" l-istess artikolu jfisser "*il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*";

Illi meta wieħed iqis il-premessi tal-azzjoni attriċi u t-talbiet tagħha, wieħed isib li dak li hija tikkontesta hu n-nuqqas tal-Ministru mħarrek li jaqleb id-deċiżjoni tal-bord minnu nnifsu maħtur u li jiċħad li jagħti lill-attriċi r-rimedju xieraq. Fil-fehma tal-Qorti, dik id-deċiżjoni hija tabilħaqq egħmil amministrattiv għall-finijiet tal-azzjoni mibdija mill-attriċi. Il-Ministru mħarrek huwa bla dubju "awtorita' pubblika" kif fuq imfisser minn kliem il-liġi nnifisha (liema tifsira tagħraf bejn il-Ministeri u d-dipartimenti tagħhom bħala żewġ entitajiet distinti). Id-deċiżjoni li ħa li ma jwaqqax il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Għażla wkoll taqa' fil-qafas tat-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", liema tifsira tinkludi wkoll ir-rifjut minn awtorita' pubblika għal talba ta' xi persuna. Fit-tielet lok, l-argument tal-imħarrek li l-għoti ta' boroż ta' studju huwa egħmil *ex gratia* u mhux mandatorju qajla jwaqqa' n-natura tal-egħmil, għaliex dejjem hemm il-kwalita' ta' ġestjoni ta' egħmil esekuttiv jew amministrattiv minn flejjes pubbliċi u mmexxi bi proċess li għalih jikkonkorri l-pubbliku eliġibbli;

Illi għalhekk il-Qorti lanqas ma ssib li tista' tilqa' l-argument tal-imħarrek f'dan ir-rigward u mhijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni tiegħu;

Illi dwar **it-tielet eċċezzjoni preliminari** jrid jingħad li l-imħarrek jgħid li hu ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod mal-għażla mwettqa, lil hinn mill-ħatra tal-Bord tal-Għażla u tal-Bord tal-Appelli, u li huwa ma għandu l-ebda setgħa oħra biex jimxi mod ieħor. Min-naħa tagħha, l-attriċi tissottometti li l-Qorti għandha tistħarreġ kemm id-deċiżjoni u l-imġiba tal-Ministru mħarrek u kif ukoll "ta' kull korp li jaqa' taħtu";

---

[22] Art. 469A(2) tal-Kap 12

Illi l-Qorti tqis li, filwaqt li bis-sottomissjoni tagħha l-attriċi jidher li qiegħda tipprova twessa' l-firxa tal-azzjoni tagħha, lanqas ma jista' jingħad li (għallanqas fil-parametri tal-azzjoni attriċi) l-Ministru mħarrek ma ħax l-ebda deċiżjoni. Id-deċiżjoni tiegħu li jżomm mal-konklużjonijiet tal-Bord tal-Għażla u li ma jindaħalx biex minn rajh iwaqqa' dawk il-konklużjonijiet hija deċiżjoni fiha nnifisha u li din il-Qorti trid u sejra tistħarreġ fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ. Bħala tali, din l-eċċezzjoni mhijiex waħda preliminari, iżda hija eċċezzjoni li tolqot il-mertu għaliex titlob li l-Qorti tistħarreġ jekk il-Ministru mħarrek tabiħaqq mexiex sewwa meta għażel li ma jibdilx il-konklużjonijiet tal-Bord minnu nnifsu maħtur;

Illi, safejn din l-eċċezzjoni tressqet bħala waħda preliminari, l-Qorti ssib li ma hijiex waħda tajba u lanqas sejra tilqagħha;

Illi għar-rigward tar-**raba' eċċezzjoni preliminari li l-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tissindika d-deċiżjoni mertu ta' din il-kawża**, l-imħarrek ifisser li din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni, ma tistax tissostitwixxi hi l-fehma tagħha minflok il-Bord li kellu l-kompetenza waħdanija li jiddeċidi. Min-naħa tagħha, l-attriċi tisħaq li l-Qorti hija awtorita' aħħarija biex tgħarbel l-egħmil ta' kull awtorita' pubblika fdata bit-twettiq ta' dak l-egħmil u li l-liġi li taħtha dak il-Bord twaqqaf imkien ma tgħid li l-qrati huma miżmuma milli jwettqu stħarriġ tiegħu;

Illi l-Qorti qiegħda tifhem li fejn tidħol is-saltna tad-dritt, is-setgħa tal-qrati li jistħarrġu l-egħmil amministrattiv għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni. Dik is-setgħa titneħħa biss jekk kemm-il darba l-liġi nnifisha tneħħiha. Il-fatt waħdu li r-regolamenti jgħidu li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli hija waħda finali ma ġġibx b'daqshekk it-tneħħija tas-setgħa tal-Qorti milli, jekk kieku ntalbet, tagħmel l-istħarriġ tagħha dwar jekk dak il-Bord mexiex sewwa jew skond il-liġi;

Illi, madankollu, kemm l-attriċi u kemm l-imħarrek qishom iwarrbu għal xi waqt minn ħsiebhom dak li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuqu. L-azzjoni attriċi trid li din il-Qorti tistħarreġ l-imġiba tal-Ministru mħarrek u mhux tal-Bord tal-Għażla jew tal-Bord tal-Appelli. L-ebda liġi ma żżomm lil xi qorti milli tistħarreġ dik l-imġiba. B'daqshekk lanqas ma tkun qiegħda tieħu f'idejha setgħat li ma għandhiex jew tkun qiegħda tindaħal f'kompetenzi li mhumiex tagħha;

Illi, kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem, wieħed irid jagħraf bejn is-setgħa li l-Qorti tistħarreġ l-egħmil ġudizzjarju u dak li tiehu hi deċiżjoni minflok l-awtorita' pubblika li lilha hija mogħtija s-setgħa tat-twettiq ta' dak l-egħmil. L-istess sejjer jingħad, jekk ikun il-każ, dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

Illi għal din ir-raġuni lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tqis **il-mertu tat-talbiet attriċi** fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrek dwarhom;

Illi l-ewwelnett, fl-ewwel talba, l-attriċi titlob li l-Ministru mħarrek jitqies li naqasha għaliex, kemm direttament u kemm bħala responsabbli mill-Bord tal-Għażla, ma ħarisx l-interessi tagħha. Il-Qorti trid għalhekk tistħarreġ l-imġiba tal-Ministru mħarrek fil-qafas taċ-ċirkostanzi li seħħew minn meta nħarġet l-iSkema sa ma għarraf bid-deċiżjoni tiegħu li ma riedx imur kontra dak li ddeċieda l-Bord imsemmi;

Illi huwa stabilit li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-egħmil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorita' li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt

l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-egħmil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-egħmil amministrattiv, liema egħmil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[23]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorita' pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudiżżjarju "*does not allow the court to review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by stature or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for*

[23] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

*any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence*"[24];

Illi filwaqt li żżomm dan il-kejl quddiem għajnejha, din il-Qorti ma tistax tkejjel l-imġiba tal-Ministru imħarrek fl-astratt meta tiġi biex tqis dik l-imġiba fid-dawl tal-ewwel talba attriċi. Dik l-imġiba trid titqies fid-dawl tas-setgħat tal-liġi u fid-dawl tal-proċess ta' għażla li huwa qatagħha li ma jindaħalx fih;

Illi l-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-Ministru mħarrek kien il-persuna li għażlet u ħatret il-Bord tal-Għażla u l-Bord tal-Appelli skond l-iSkema, dan ma kienx ifisser li huwa seta' jindaħal fit-tmexxija tal-istess Skema daqslikieku dawk il-Bordijiet ma saru xejn jew sar għalxejn. Ix-xhieda mogħtija mill-imħarrek f'dan ir-rigward turi safejn, skond hu, kellu jidħol l-intervent tiegħu u x'żammu milli jilqa' l-istedina magħmula minn missier l-attriċi[25]. Il-Qorti tifhem li l-imħarrek ma riedx jindaħal biex iżomm 'il fuq minn kull possibilita' li jintervjeni f'eżerċizzju li seta' jittebba' bl-intervent tiegħu li kieku mexa mod ieħor. Ried ukoll iħares l-għan tal-ħatra tal-Bord tal-Għażla, li huwa dak li, safejn jista' jkun, id-deċiżjoni dwar l-eliġibilta' u l-gradwatorja jsiru minn persuni kemm jista' jkun imrawma u kompetenti fil-materja li dwarha ntalbu jiddeċiedu;

Illi l-attriċi ssejjes wieħed mill-ilmenti ewlenin tagħha dwar il-ħidma fir-rigward tagħha min-naħa tal-Bord tal-Għażla fuq l-argument li ħadd minn dawk li intervistawha ma kien ta' ħila u kompetenza biżżejjed fil-qasam ta' studju li dwaru ressqet it-talba tagħha biex tingħata l-borża ta' studju.

[24] In ***Re Reid vs Secretary of State for Scotland*** **(1999)**
[25] Xhieda tiegħu 23.12.2014, f'paġġ. 125 – 7 tal-proċess

Minħabba f'hekk, tgħid li dawk il-persuni ma kinux f'qagħda li jagħtu apprezzament sħiħ għall-proposta ta' studju tagħha;

Illi l-Qorti tagħraf li fl-eżerċizzju li sar mill-Bord tal-Għażla, kien hemm mijiet ta' talbiet għal għoti ta' boroż ta' studju. Meta wieħed iħares lejn il-kategorija ta' dawk l-applikanti li jkunu talbu borża ta' studju dwar korsijiet *post-graduate*, bħall-attriċi, ma jistax jonqos li l-firxa u l-profondita' ta' speċjalizazzjoni jkunu wkoll jitolbu l-eżami ta' oqsma daqstant speċjalizzati. Il-Bord tal-Għażla hu magħmul minn għadd ta' persuni b'ħiliet u kwalifiki minn bosta oqsma tal-akkademja, imma mhux eskluż li wħud mill-applikanti (jekk mhux il-biċċa l-kbira minnhom) jkunu ressqu proposti dwar oqsma ta' studju speċjalizzati ħafna li lanqas il-membri tal-Bord ma jkunu wisq midħla tagħhom. Dan jidher li kien il-każ ukoll fl-eżerċizzju li sar matul l-2014 taħt l-iSkema;

Illi mix-xhieda mogħtija[26] ħareġ li l-applikazzjonijiet jitqassmu safejn jista' jkun biex ikunu mistħarrġa minn dawk fost il-membri tal-Bord li jkunu midħla mas-suġġett propost fl-applikazzjoni li tkun. Fil-każ tal-attriċi, il-Bord kien magħmul miċ-*Chairperson* il-Professur Sinagra u mill-Professur Janet Mifsud u minn persuna oħra (funzjonarju dipartimentali li ma għamel l-ebda mistoqsija). L-attriċi tgħid li l-ebda wieħed mill-imsemmija żewġ professuri ma kien f'qagħda li jevalwa b'mod xieraq il-qasam ta' studju li għalih talbet l-għoti tal-borża ta' studju u għalhekk tgħid li kienet "żvantaġġata" minħabba f'hekk fl-għoti tal-marki li ngħatat;

Illi l-Qorti hawnhekk tqis li, mill-istess xiehda mogħtija[27], ma jistax jingħad li tal-anqas waħda minn dawk iż-żewġ membri tal-Bord ma kenitx midħla tal-qasam ta' studju li dwaru l-attriċi talbet li tingħata l-borża ta' studju. Kien hemm ukoll applikant oħra li talbet li tingħata borża ta' studju għal dottorat f'qasam affini. Iżda, għall-finijiet tal-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha, waħedha tqum il-mistoqsija: jekk il-membri tal-Bord ma humiex midħla biżżejjed tas-suġġett li dwaru applikant ikun ressaq talba

[26] Xhieda ta' Josephine Sultana 23.12.2014, f'paġ. 135 tal-proċess
[27] Xhieda tal-Prof Emanuel Sinagra 23.12.2014, f'paġġ. 141 – 2 tal-proċess

għall-għoti ta' borża ta' studju, b'liema kejl ta' raġunar wieħed jistenna li l-Ministru mħarrek jaqleb id-deliberazzjonijiet ta' Bord bħal dak biex jibdel il-ġudizzju tiegħu għal dak tal-Bord jekk l-għarfien tiegħu tas-suġġett ikun anqas minn dak tal-membri tal-istess Bord? Fil-fehma tal-Qorti, jekk kemm-il darba kellha tgħid li l-Ministru jmissu jagħmel hekk, ikun qiegħed jingħad li l-mertu sostantiv ta' applikazzjoni bħal dik jitwarrab favur konsiderazzjonijiet oħrajn li iżjed jistgħu jnisslu suspetti milli jsolvuhom;

Illi mbagħad, dwar il-kwestjoni tal-kriterji l-oħrajn imħaddma mill-Bord, l-attriċi tilminta mill-fatt li ma ngħtatx qies xieraq tal-għażla tagħha li tidħol għal kors ta' studju *full-time* f'universita' barra minn Malta (il-kriterju tal-"*modality of study*"). Mix-xhieda mressqa,[28] tfisser b'mod ċar li l-kwestjoni tal-għamla ta' studju li l-applikant ikun talab l-għoti ta' borża ta' studju jidħol bħala rilevanti biss fil-każ li, bejn żewġ applikanti jew aktar, ikun hemm min tella' marki ndaqs u tkun trid issir għażla bejnhom, fejn hu f'dak il-każ li l-għamla ta' kors ta' studju jitqies li jxaqleb jekk ikun kors *full-time* bi preferenza fuq min ikun irid jidħol għal kors *part-time* jew fuq kors bil-korrispeondenza. Fil-fehma tal-Qorti, din hija tifsira li ma tixhed l-ebda element ta' irraġonevolezza fiha u, fuq kollox, kienet imfissra iswed fuq l-abjad fir-regolamenti maħruġa taħt l-iSkema għall-għarfien ta' kulħadd u sa minn qabel ma ddaħħlu l-applikazzjonjiet ta' dawk li kienu mħajra jitolbu l-għajnuna finanzjarja taħt dik l-iSkema[29];

Illi mill-provi mressqa u mill-ispjegazzjonijiet mogħtija, ma joħroġx li l-Bord tal-Għażla mexa b'mod hekk irraġonevoli jew grossolan li seta' jagħti lok biex il-Ministru li ħatru jħassar l-eżerċizzju mwettaq. Il-Qorti tagħraf ukoll li, mix-xhieda tal-attriċi nnifisha, xi impressjonijiet li ħadet waqt li kienet saritilha l-intervista setgħu kienu l-fehma soġġettiva tagħha ta' dak li sar, u dan flimkien ukoll mal-kostatazzjonijiet fattwali li ġraw hi u tipprova tagħti l-fehmiet tagħha waqt l-istess intervista;

[28] Xhieda ta' Josephine Sultana 23.12.2014, f'paġġ. 132 u 134 – 5 tal-proċess
[29] Klwasola 11.1 tal-iSkema

Illi bla ma tidħol fuq l-għaqal u l-irqaqat ta' kif twettaq l-eżerċizzju min-naħa tal-Bord, il-Qorti ssib ukoll li ma ntweriex bl-ebda mod li l-Bord mexa b'kejl differenti bejn applikant u ieħor. Jekk l-attriċi tilminta minn nuqqas ta' kjarezza fil-kriterji stabiliti, dan kien il-każ dwar l-applikanti kollha. Min-naħa l-oħra, li l-attriċi tistenna li l-Ministru imħarrek jindaħal "ġaladarba ġie muri illi kien hemm elementi fil-proċess illi jippreġudikaw lir-rikorrenti" ma jidhirx li din l-istennija hija xierqa. Ta' min jirrileva li l-attriċi fl-ebda waqt ma talbet li l-Ministru jħassar il-proċess tal-evalwazzjoni li sar mill-Bord, iżda li "jikkoreġi" jew "jirretifika" n-nuqqasijiet ilmentati minnha biex jagħtiha dak li l-Bord ma sabx li għandu jagħtiha;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, li l-Ministru mħarrek għażel li ma jaqlibx dak li iddeċieda l-Bord u minkejja dak li personalment seta' ħaseb jew xtaq dwar il-ħiliet eċċellenti mhux dubitati tal-attriċi, ma jixhed l-ebda imġiba *ultra vires*, kif tallega l-istess attriċi. Dik id-deċiżjoni tiegħu ma taqa' taħt l-ebda waħda mit-tliet kawżali tal-artikolu 469A(1)(b) li l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuqhom. Hija l-fehma tal-Qorti li, għall-kuntrarju, kien ikun hemm lok għal indħil mhux f'postu li kieku l-istess imħarrek, minkejja r-riżultanzi li kellu quddiemu, kien jinjora dik il-gradwatorja bil-għan waħdien li jaġevola lill-attriċi u li jagħmel dan bi ħsara għal ħaddieħor li wkoll tqies meritevoli aktar minnha;

Illi dan kollu jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li, kontra x-xewqa tal-istess Ministru, l-ammont ta' fondi allokati għall-għoti ta' boroż ta' studju mhuwiex bir bla qiegħ u l-kompetizzjoni minn dawk li huma mħajra jressqu talba għal għajnuna finanzjarja hija waħda qawwija;

Illi b'żieda ma' dan, kif tajjeb jirrileva l-imħarrek fis-sottomissjonijiet tiegħu, it-tfigħ ta' applikazzjoni għal għoti ta' borża ta' studju ma joħloqx aspettativa leġittima ta' aċċettazzjoni ta' applikazzjoni bħal dik. L-aspettativa leġittima tal-attriċi, bħal fil-każ ta' kull applikant ieħor bħalha, hu li min jiġi biex jevalwa talba bħal dik jimxi sewwa ma' kulħadd. Il-Qorti tifhem ukoll li persuna li tkun kisbet riżultati mill-aqwa (jekk mhux ukoll l-

ogħla riżultati possibbli) fl-istudji tagħha u li saħansitra tkun mistiedna minn istituzzjoni edukattiva għolja biex tikkunsidra li tmur tkompli l-istudji tagħha magħha, tistenna li dik l-opportunita' li tiġiha ma tintilifx u li tagħmel minn kollox biex ma tħallihiex tgħib fix-xejn, l-aktar meta l-mezzi finanzjarji ta' dak li jkun ma jkunux jipperemettu li wieħed jerfa' l-piż tan-nefqa minn butu. Imma dan ma joħloqx il-ħtieġa jew ir-raġuni biex, imbagħad, l-awtorita' pubblika tintalab tindaħal fi proċess li hija kienet fdat lil ħaddieħor biex iwettaq;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li kieku l-Ministru mħarrek mexa l-kontra ta' kif mexa, kien jinħalaq dell kbir fuq il-fatt li l-għodda maħtura taħt l-iSkema (partikolarment il-Bord tal-Għażla) kienet tkun biss paraventu li jinħalaq biss għad-dehra u biex il-Ministru jinsatar warajh ħalli "jidher li l-affarijiet qegħdin isiru sew". Jekk dan ikun il-każ, allura hu f'dawk iċ-ċirkoostanzi li l-Qorti tindaħal u tistħarreġ u mhux meta l-awtorita' pubblika iżżomm lura milli ġġib fix-xejn l-istess strutturi mwaqqfa biex jiżguraw proċess lil hinn mill-kontroll eżekuttiv jew interessi individwali;

Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi fil-każ tat-tieni talba attriċi, l-attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tordna lill-imħarrek biex jordna l-bdil tal-marki mogħtijin lilha mill-Bord biex hija tkun eliġibbli għall-borża ta' studju li għaliha applikat. Fit-tielet talba tagħha saħansitra titlob li l-Ministru mħarrek jiżgura li hija tieħu l-borża ta' studju u li dan isir "immedjatament";

Illi l-Qorti ssib li kif inhuma magħmula dawn iż-żewġ talbiet attriċi, qiegħed jintalab rimedju li din il-Qorti f'kawża bħalma għandha quddiemha ma tistax tagħti. Hija talba li tittanta tissostitwixxi (ukoll jekk favur l-istess imħarrek) kompetenza li l-liġi tagħti biss lill-Bord tal-Għażla

u lanqas lill-istess imħarrek, jekk kemm-il darba wieħed ma jitlobx ukoll it-tħassir tal-proċess kollu tal-għażla, liema talba ma saritx;

Illi għandu jingħad li wkoll kieku l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba attriċi l-effett tas-sejbien favorevoli favur l-attriċi sata' wassal għat-tħassir tad-deċiżjoni meħuda, iżda mhux aktar minn hekk;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni l-fehma tagħha li s-setgħat tagħha meta tintalab tistħarreġ egħmil amministrattiv hija dik li tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[30];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni talba attriċi kif magħmula mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet talba attriċi**, irid jingħad li din hi talba marbuta mat-talba ta' qabilha. Jekk it-talba ta' qabilha kif imfassla ma setgħetx tintlaqa', hekk ukoll ma tistax tintlaqa' t-tielet talba;

Illi, dwar ir-**raba' talba** ma hemmx x'jingħad għaliex minbarra li t-talba trid tkun waħda speċifika, din il-Qorti ma sabitx li hemm raġuni għaliex tilqa' t-talbiet ta' qabilha;

Illi, fl-aħħarnett, matul is-smigħ tal-kawża, l-għaref difensur tal-attriċi kien talab lill-Qorti biex, għall-finijiet tal-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet

[30] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

ta' Malta, tordna li s-sentenza li hija sejra tagħti tkun eżegwibbli provviżorjament. Fid-dawl tal-konklużjoni milħuqa f'din is-sentenza, ladarba t-talbiet attriċi fil-mertu mhumiex sejrin jintlaqgħu ma hemmx raġuni għalfejn din il-Qorti tqis aktar dik it-talba. Madankollu, fid-dawl tad-degriet mogħti fit-22 ta' Diċembru, 2014, biex din il-kawża tinstema' u tinqata' b'urġenza, hija sejra tipprovdi dwar it-tqassir taż-żminijiet mogħtija lill-partijiet f'każ li minn din is-sentenza jsir appell min-naħa jew minn oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari kollha** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bi spejjeż għalih;

**Tilqa' l-eċċezzjoni fil-mertu u għalhekk tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-Ministru mħarrek ma naqasx milli jħares l-interessi tal-attriċi meta għażel li ma jwaqqax il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Għażla minnu maħtur fil-gradwatorja tal-applikazzjonijiet għall-għoti ta' boroż ta' studju;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi mhuwiex mogħti lill-Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li tagħti rimedju li jmur lil hinn mis-setgħat tagħha f'każ bħal dak;

**Tastjeni** mill tqis **ir-raba' talba attriċi** għaliex din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża,** minbarra dawk marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari li għandu jerfagħhom il-Ministru mħarrek; u

**Tordna** li f'każ li xi waħda mill-partijiet trid tressaq appell minn din is-sentenza jew minn parti minnha, u għall-finijiet tal-artikolu 243(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iż-żmien biex tagħmel dan huwa mqassar għal jumejn tax-xogħol millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------